**LEĦEN IL-PARROĊĊA**
**TAL-QALB BLA TEBGĦA TA' MARIJA**
**BURMARRAD**

*Lulju - Awwissu 2017* *Nru: 407*

## Jum il-Mulej



Ix-xhur tas-sajf, għal ħafna, huma assoċjati mal-mistrieħ. Mhux kulħadd jista' jistrieħ għal tul ta' żmien minħabba n-natura tax-xogħol li jkun jagħmel jew ir-responsabbiltà tal-familja.

Iżda, għaliex Alla jaf bil-ħtiġijiet tagħna, huwa u joħloq id-dinja bir-ritmi tagħha, għażel li jagħtiha żmien maħsub biex il-bniedem jerġa jikseb saħħtu, isaħħaħ ir-relazzjonijiet ma' dawk ta' madwaru u jdur lejn Alla biex ifaħħru flimkien ma' ħutu. Saħansitra Alla nnifsu jistrieħ fis-seba' jum wara li kien ħalaq id-dinja b'kull ma jgħammar fiha.

Il-jum tal-Ħadd huwa rigal li Alla jagħtina biex niġġeddu f'saħħitna għaliex aħna ma nistgħux insiru bħal magna li taħdem dejjem mingħajr ma tieqaf, inqattgħu ħin mal-għeżież tagħna biex ir-relazzjonijiet ta' bejnietna jibqa' jissaħħu. Meta nintebħu b'kemm il-Mulej iħobbna permezz tas-sbuħija li nilmħu madwarna nerġgħu induru lejh biex nisimgħu kelmtu u nfaħħruh flimkien permezz tal-Ewkaristija. Hekk inkunu qed inqaddsu l-Jum tal-Ħadd filwaqt li nitqaddsu u nissaħħu aħna.

*P. Christian Anthony M. Borg OFM Conv.*
*Kappillan*

☎ 21573045 / 77622275 parrocca.burmarrad@maltadiocese.org
www.parroċċaburmarrad.com Il-Parroċċa ta' Burmarrad

**Tista' taqra r-rivista Flimkien online:**
*http://thechurchinmalta.org/en/posts/category/flimkienmags*

# 100 sena mid-dehriet f'Fatima
## *It-tielet Parti*

*Fil-mitt anniversarju tad-dehriet ta' Sidtna Marija f'Fatima qegħdin inwasslulkom xi tagħrif dwar din il-ġrajja.*
*Ħajr lil www.laikos.org*

Wara t-13 t'Ottubru 1917, il-messaġġ ta' Fatima xtered mad-dinja kollha. Id-drawwa tar-Rużarju fil-familja saret tradizzjoni. Id-devozzjoni lejn il-Qalb bla tebgħa ta' Marija wasslet għal ħafna konverżjonijiet. It-tfal infushom bdew jagħmlu ħafna sagrifiċċji wara l-miraklu. Luċija kienet ta' sikwit issawwat lilha nfisha bil-ħurrieq bħala penitenza. F'Diċembru tal-1918 epidemja tal-influenza (magħrufa bħala l-Ispanjola) xterdet mal-art kollha u qatlet bosta nies. Franġisku u Ġaċinta t-tnejn intlaqtu minnha. Luċija ma kinetx titħarrek minn maġenbhom. Wara bosta jiem Ġaċinta fieqet, iżda Franġisku baqa' fis-sodda. Jum wieħed Luċija staqsiet lil Franġisku jekk kienx qiegħed ibati. Franġisku wieġeb: "Għall-imħabba ta' Ġesù u Marija.' Imbagħad neża' minn ma' qaddu ħabel kollu għoqod li kien jilbes bħala penitenza, imqar fil-mard tiegħu. Ġaċinta qalet lil Luċija li l-Madonna kienet żaret lilha u lil Franġisku. Kienet qaltilhom li Franġisku kien wasal biex imur il-ġenna magħha. Lil Ġaċinta kienet qaltilha wkoll li kien jeħtiġilha tbati għall-midinbin f'żewġ sptarijiet qabel ma hija wkoll tħalli d-dinja. Fil-għodwa tat-2 t'April Franġisku sejjaħ lil Luċija u talab il-qassis ħalli jkun jista' jqerr u jitqarben. Ir-ruħ ħelwa ta' Franġisku marret



lejn is-sema nhar l-4 t'April 1919. Huwa ndifen fiċ-ċimiteru tar-raħal, imma aktar tard il-fdalijiet tiegħu tqiegħdu fit-Tempju tad-Dehriet. Ftit żmien wara Ġaċinta wkoll mardet gravi. It-tbatijiet tagħha kienu kbar wisq. Il-ġisem ċkejken tagħha kien mikdud minn ġrieħi u uġigħ ħorox. Sadattant il-Madonna kienet dehret tliet darbiet oħra lil Ġaċinta u qaltilha li kienu ser joħduha fi sptar ġo Lisbona, u li ma kinetx se ddum ma tmur il-ġenna. Fl-isptar ta' Lisbona Ġaċinta qalet: "Li kieku n-nies jafu xi tfisser l-eternità kieku żgur li jbiddlu ħajjithom." Il-Madre tas-sorijiet kienet tikteb kulma tgħid Ġaċinta. It-tobba għamlu ħilithom kollha biex isalvaw il-ħajja ta' Ġaċinta, u fl-10 ta' Jannar għamlulha operazzjoni serja. Imma kien kollu ta' xejn. Ġacinta għafset id il-Madre u qaltilha: "Erġajt rajt lill-Madonna. Neħħietli l-uġigħ kollu." Ġaċinta rċieviet l-aħħar sagramenti nhar il-Ġimgħa, 20 ta' Frar 1920. Il-Madonna kienet żammet kelmitha u ġiet biex toħodha magħha l-ġenna. Wara dawn il-ġrajjiet, Luċija daħlet Soru Karmelitana fil-Kunvent ta' Santa Tereża ġo Coimbra. It-talba ħerqana tagħha kienet dejjem li l-Qalb bla tebgħa ta' Marija tirbaħ: li r-Russja tikkonverti. Min jaf x'ħasset il-qalb tas-Soru meta matul is-snin tmenin, rat din il-wegħda tal-Madonna tibda' titwettaq. Illum, mitt sena wara d-deħriet tal-Madonna ġewwa Fatima, il-ġrajja għada għaddejja. Ta' kull sena eluf ta' pellegrini jmorru f'dan is-Santwarju jiffullaw bi ħġarhom biex ifittxu r-refuġju u jitolbu l-protezzjoni tal-Omm Ħanina tal-Mulej. Fit-13 ta' Frar 2005, fl-età ta' 97 sena,u wara marda twila, Sor Luċija daħlet fil-ħajja ta' dejjem.u din is-sena l-papa Franġisku kkanonizza lil Franġisku u Ġaċinta waqt iż-żjara tiegħu f'Fatima.

# Mill-ħajja tal-Parroċċa tagħna



Fix-xhur li għaddew dawn ħutna rċevew is-Sagrament tal-Magħmudija u saru membri tal-familja nisranija:
*Jake Briffa, Kyan Falzon, Martina Paladino, Kai Zahra, Ana Maria Fenech, Roberta Grech, Gabriel Muscat, Nathan Borg, Jack Galea Demanuele u Zak Azzopardi*



Fit-18 ta' Ġunju dawn it-tfal irċevew l-Ewwel Tqarbina:
*Yelenia Bezzina, Martina Bonnici, Kayden Bonnici Gauci, Alaysia Calleja, Bradley Camilleri, Maya Debattista, Aaliyah Gerada, Cristina Grech, Calvin Micallef, Elise Micallef, Shenigua Micallef, Keira Sammut u Megan Staddon.*

Bħala familja parrokkjali nitolbu għal dawn iċ-ċkejknin li l-Mulej għażel li jdewwaqhom imħabbtu sabiex isibu min ikompli jieħu ħsieb il-fidi tagħhom u jrawwimhom fl-imħabba ta' Alla. Jalla aħna nakkumpanjawhom bl-eżempju tal-fidi tagħna.



## Marija mtellgħa fis-sema

*Fil-15 ta' Awwissu nfakkru t-tlugħ ta' Marija fis-sema. Hija l-festa li turina d-dinjità kbira li Alla ta lill-umanità tagħna. Qed nipproponu d-diskors li għamel il-Papa Franġisk waqt l-Angelus ta' din il-festa fl-2016.*

Il-paġna tal-Evanġelju tal-festa tal-lum, It-Tlugħ fis-Sema ta' Marija *(Luqa 1,39-56)*, tiddeskrivi l-laqgħa bejn Marija u kuġinitha Eliżabetta u tgħidilna ċar: "Marija qamet u telqet tgħaġġel lejn l-għoljiet fil-belt ta' Ġuda" *(v.39)*. F'dawk il-jiem Marija marret tgħaġġel lejn belt ċkejkna qrib Ġerusalemm biex tiltaqa' ma' Eliżabetta. Iżda llum nikkontemplawha fit-triq tagħha lejn Ġerusalemm Ċelesti, biex fl-aħħar tiltaqa' mal-wiċċ tal-Missier u terġa' tara wiċċ Binha Ġesù. Tant drabi tul ħajjitha kienet terrqet għoljiet, sal-aħħar waħda ta' niket, dik tal-Kalvarju, magħquda mal-misteru tal-passjoni ta' Kristu. Illum narawha tasal fuq il-muntanja ta' Alla, "liebsa x-xemx, bil-qamar taħt riġlejha u, fuq rasha, kuruna ta' tnax-il kewkba" *(Ap. 12,1)* – kif jgħid il-Ktieb tal-Apokalissi – u narawha tgħaddi mill-għatba tal-patrija ċelesti.

Kienet l-ewwel waħda li emmnet fl-Iben t'Alla, u hi l-ewwel waħda li ttellegħet fis-sema bir-ruħ u l-ġisem. Kienet l-ewwel li laqgħet u żammet f'dirgħajha lil Ġesù meta kien għadu tarbija u hija l-ewwel waħda li ntlaqgħet f'dirgħajh biex tiddaħħal fis-Saltna eterna tal-Missier. Marija, umli u sempliċi tfajla minn villaġġ itturufnat fil-periferija tal-imperu ruman, propju għax laqgħet u għexet l-Evanġelju, Alla jdaħħalha għall-eternità maġenb it-tron ta' Ibnu. Hu b'dal-mod li l-Mulej iniżżel lis-setgħana minn fuq it-tron tagħhom u jgħolli liċ-ċkejknin *(ara Luqa 1,52)*.

It-Tlugħ fis-Sema ta' Marija hu misteru kbir li jolqot lilna lkoll, jolqot il-futur tagħna. Infatti, Marija mxiet qabilna t-triq li mexjin fiha dawk kollha li, bis-saħħa tal-Magħmudija, rabtu ħajjithom ma' Ġesù, kif Marija rabtet tagħha miegħu. Il-festa tal-lum iġġegħelna nħarsu lejn is-sema, tħabbrilna "s-smewwiet ġodda u l-art il-ġdida", bir-rebħa ta' Kristu Rxoxt fuq il-mewt u t-telfa definittiva li ġarrab ix-xitan. Għaldaqstant l-eżultanza tat-tfajla umli mill-Galilija kif mistqarra fil-kantiku tal-*Magnificat*, issir l-għanja tal-umanità kollha kemm hi, li tifraħ meta tara lill-Mulej imil fuq il-bnedmin kollha, ħlejjaq umli, u jeħdhom miegħu fis-sema.

Il-Mulej imil fuq l-umli biex jerfagħhom, kif jistqarr il-kantiku tal-*Magnificat*. Dan il-kantiku ta' Marija jgħinna naħsbu wkoll f'tant sitwazzjonijiet ta' niket attwali, partikolarment in-nisa mikdudin mill-piżijiet tal-ħajja u mid-dramm tal-vjolenza, in-nisa skjavi tal-prepotenza tas-setgħana, il-bniet imġegħlin jagħmlu xogħol diżuman, in-nisa imġegħlin iċedu bil-ġisem u bl-ispirtu tagħhom għax-xewqat laxki tal-irġiel. Jalla mingħajr dewmien, taslilhom ħajja ta' paċi, ġustizzja, imħabba, bl-istennija li fl-aħħar, jum wieħed, iħossuhom maqbudin minn idejn li ma jumiljawhomx, imma li bit-tenerezza jerfugħhom u jmexxuhom fit-triq tal-ħajja, sas-sema. Marija, tfajla, mara, li batiet ħafna tul ħajjitha, twassalna naħsbu f'dawn in-nisa li tant ibatu. Nitolbu 'l-Mulej biex Hu stess jaqbadhom minn idejhom, imexxihom fit-triq tal-ħajja u jeħslihom minn dan il-jasar.

U issa, bil-fiduċja, nduru lejn Marija, Reġina ħelwa tas-Smewwiet u nitolbuha: "Agħtina jiem ta' paċi, ishar fuq il-mixja tagħna, agħmel li, mimlijin bil-ferħ tas-sema, naraw lil Ibnek fil-glorja tal-Ġenna" *(Mill-innu tat-Tieni Għasar)*.

# Nemmen fil-Qawmien tal-Ġisem

Il-Festa ta' Marija mtellgħa fis-sema tfakkarna f'realtà importanti tat-twemmin tagħna. Aħna għad inqumu mill-mewt f'ġisimna wkoll bħal Marija. X'tgħallimna l-Knisja dwar dan? Fil-Kompendju tal-Katekiżmu tal-Knisja Kattolika *(n. 202-205)* insibu dan:

**Xi tfisser il-kelma ġisem, u x'inhi l-importanza tiegħu?** Il-kelma *ġisem* tfisser il-bniedem fil-qagħda tiegħu ta' dgħufija u ta' mortalità. "Il-ġisem hu pern tas-salvazzjoni" *(Tertulljanu)*. Fil-fatt aħna nemmnu f'Alla li ħalaq il-ġisem; nemmnu fil-Verb li ħa ġisem bħal tagħna biex jifdi l-ġisem; nemmnu fil-qawmien tal-ġisem mill-imwiet, qawmien li bih il-ħolqien u l-fidwa tal-ġisem jilħqu l-qofol tagħhom.

**Xi tfisser il-frażi "qawmien mill-mewt tal-ġisem"?** Tfisser li l-bniedem fl-istat definittiv tiegħu ma jkunx biss ruħ spiritwali mifruda mill-ġisem, imma wkoll il-ġisem mejjet tagħna, jum minnhom, jerġa' jieħu l-ħajja.

**X'rabta hemm bejn il-Qawmien mill-mewt ta' Kristu u tagħna?** Bħalma Kristu hu tassew irxuxtat mill-mewt u jgħix għal dejjem, hekk ukoll huwa stess sa jqajjem mill-mewt lil kulħadd fl-aħħar jum, b'ġisem li ma jitħassarx: "dawk li jkunu għamlu t-tajjeb iqumu għall-ħajja, imma dawk li jkunu għamlu l-ħażin iqumu għall-kundanna" *(Ġw 5,29)*.

**Bil-mewt, x'jiġri mill-ġisem u mir-ruħ tagħna?** Bil-mewt, ir-ruħ tinfired mill-ġisem, il-ġisem tal-bniedem jara t-taħsir, waqt li r-ruħ, li ma tmut qatt, tiltaqa' ma' Alla għall-ġudizzju, u tibqa' tistenna li tingħaqad mill-ġdid mal-ġisem li jqum trasformat, meta l-Mulej jerġa' jiġi. Ma tistax tifhem kif iseħħ il-qawmien mill-imwiet għaliex dan imur 'l hinn mill-immaġinazzjoni u l-intelliġenza tagħna.

## Kalendarju Lulju - Awwissu 2017

**Nhar ta' Tlieta 10am - 12pm –** Adorazzjoni Ewkaristika fis-skiet fil-Knisja Parrokkjali.

**Nhar ta' Erbgħa fis-6pm –** Katekeżi għal dawk li sa jirċievu s-Sagrament tal-Griżma f' Settembru.

**Nhar ta' Erbgħa fis-7pm –** Quddiesa bis-sehem tat-tfal. Wara l-quddiesa jkun hemm ħin għal-logħob fil-pjazza.

**Nhar ta' Ħamis wara l-quddiesa tas-7pm –** Adorazzjoni Ewkaristika.

**Nhar ta' Ġimgħa fis-7.45pm –** Laqgħa għall-Adolexxenti fiċ-Ċentru Parrokkjali *(jew skont kif ikun avżat minn qabel)*

### Awwissu

**2** Festa tal-Verġni Marija tal-Porzjunkola. Il-Maħfra ta' Assisi. *(Indulġenzja Plenarja għal kull min jieħu sehem fil-quddiesa, jqerr u jagħmel viżta fi Knisja Parrokkjali jew Franġiskana)*

**7** Laqgħa għall-ġenituri u l-parrini tal-Griżma fil-Knisja ta' San Mikiel u wara BBQ flimkien mat-tfal.

**15** It-tlugħ fis-sema ta' Marija *(L-Assunta).* Il-quddies fil-parroċċa jkun bħal tal-Ħadd.

**19** Jum il-Missjonijiet Franġiskani fil-parroċċa.